

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/334**tas-27 ta' Frar 2017**

li jirrettifika l-verżjonijiet lingwistiċi bil-Bulgaru, l-Estonjan, il-Ġermaniż u l-Olandiż tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014 dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiċi, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5) tiegħu,

Billi:

- (1) Hemm żball fil-verżjoni bil-lingwa Olandiża tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 ⁽²⁾ kif emendat mir-Regolament (UE) 2015/1088 ⁽³⁾, b'mod aktar partikolari fil-punt 145.A.55(c)(3) tal-Anness II (Parti 145), fir-rigward tal-għadd ta' snin koperti mid-dokumentazzjoni tal-manutenzjoni miżmuma li għandha titqassam. Għaldaqstant, jeħtieġ li l-verżjoni bil-lingwa Olandiża tiġi rettifikata. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra ma jintlaqtux.
- (2) Jidher żball fil-verżjonijiet bil-lingwa Bulgara, Estonjana u dik Ġermaniża tar-Regolament (UE) Nru 1321/2014 kif emendat mir-Regolament (UE) 2015/1088, b'mod iktar partikolari fil-punt 145.A.70(a)(6) tal-Anness II (Parti 145) fir-rigward tal-ommissjoni tat-terminu "staff ta' appoġġ". Għaldaqstant, jeħtieġ li ssir korrezzjoni tal-verżjonijiet bil-lingwa Bulgara, Estonjana u dik Ġermaniża. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra ma jintlaqtux.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 1321/2014 għandu jiġi emendat skont dan.
- (4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 65(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008;

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Jikkonċerna biss il-verżjonijiet lingwistiċi bil-Bulgaru, l-Estonjan, il-Ġermaniż u l-Olandiż.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiċi, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 362, 17.12.2014, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1088 tat-3 ta' Lulju 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1321/2014 fir-rigward ta' tnaqqis għall-proċeduri tal-manutenzjoni għall-inġenji tal-ajru tal-avjazzjoni ġenerali (ĠU L 176, 7.7.2015, p. 4).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Frar 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER
